# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-20 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 592/2011**

**Carmel Sciberras**
**(I.D. Numru 536946 M)**

**vs**

**Nadine Scicluna**
**(I.D. Numru 240787 M)**

**u**

**skont digriet datat is-6 ta' Lulju, 2011,**
**giet intervenuta fil-kawza s-socjeta`**
***Gasan Mamo Insurance Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-21 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta tal-5.05a.m. ta' l-20 ta' Frar, 2010, Simone Sciberras li kienet qed issuq il-vettura numru KLZ – 001 proprjeta` tar-rikorrenti fi Triq l-Iskola, l-Imsida, intlaqtet mill-vettura numru IAP – 604 misjuga mill-intimata li harget minn Triq tal-Qroqq minghajr ma waqfet, liema triq hi immarkata b'sinjal ta' *"Stop"*;

1.2. Illi rizultat ta' l-istess ir-rikorrenti sofra tnax -il elf, mija seba` u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€12,197.86), f'danni, bil-vettura tieghu tigi dikjarata *"beyond economical repair"*, (ara foll 12);

1.3. Illi hi l-intimata Scicluna li hi unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u dan ukoll bi ksur ta' l-artikli 1031 u 1032(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4. Illi *nonostante* li l-intimata u s-socjeta` assikurattrici taghha kienu interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimata ikollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tnax -il elf, mija seba` u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€12,197.86), okkorrendo, bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti is-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-15 t'April, 2010;

2. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu wara rikors appozitu datat il-5 ta' Lulju, 2011, (ara foll

14), awtorizzat lis-socjeta` *Gasan Mamo Insurance Limited* biex tintervjeni *in statu et terminis*, (ara foll 15);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intervenuta datata s-26 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi l-incident in dizamina ma sehhx tort ta' l-intimata;

3.3. Illi l-incident *de quo* sehh tort ta' Simone Sciberras li kienet qed issuq il-vettura proprjeta` tar-rikorrenti;l

3.4. Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti hu ezagerat;

3.5. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4.0. Rat ir-risposta ta' l-intimata datata l-4 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu sintetikament sosstniet is-segwenti:

4.1. Illi mhix responsabbli ghall-incident in dizamina;

4.2. Illi l-incident *de quo* sehh tort tas-sewwieqa tal-vettura bin-numru KLZ – 001 li harget minn triq laterali ghal triq ewlenija;

4.3. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati;

4.4. Illi fi kwalsiasi kaz, id-danni reklamati huma ezagerati;

4.5. Illi l-intimat m'ghandiex tigi kkundannata thallas kwalsiasi danni;

4.6. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kollha involuti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 170);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-7 ta' Mejju, 2015, (ara foll 174), kif debitament awtorizzata bid-digriet taghha fl-istess udjenza, (ara foll 181);

7. Rat in-nota ta' l-intimati rispettivament datata z-17 ta' Settembru, 2015, (ara foll 182);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in* atti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi skont il-Pulizija li marru jassistu lis-sinistrati wara l-incident awtomobilistiku in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi fl-20 ta' Frar, 2010, sehh l-incident in dizamina ghall-habta tal-5.05 a.m. fi Triq l-Iskola, l-Imsida, kantuniera ma' Triq tal-Qroqq, (ara foll 42);

10.2. Illi l-vetturi involuti fl-imsemmi incident spiccaw kif indikat fl-iskizz redatt, (ara foll 10, 26 u 54);

10.3. Illi l-vetturi kienu misjuqa bil-mod segwenti:

10.3.1. Dik bin-numru IAP – 604 mill-intimata;

10.3.2. Dik bin-numru KAZ – 001, (*recte* KLZ – 001), (ara foll 47), minn Simone Sciberras, bint ir-rikorrenti proprjetarju ta' l-istess vettura;

10.4. Illi meta l-ufficcjal tal-Pulizija involut kellem lix-xufiera indikati, it-tnejn separatament informawh li kienu tilghajn fl-istess triq u mixjin fl-istess direzzjoni, (ara foll 42);

10.5. Illi meta l-istess ufficcjal interroga lill-*"warden"* li kienet marret qabel fuq il-post ta' l-incident gie rivelat li meta din kienet kellmet lil Simone Sciberras din qaltilha li hi

ma setghetx issuq b'velocita` sostenuta ghaliex kien hemm *"sleeping policeman"* fit-triq;

10.6. Illi pero` l-istess ufficcjal jirrimarka li dak is-*"sleeping policeman"* indikat ma kienx fit-triq indikata minn Sciberras izda fi Triq tal-Qroqq, (ara foll 54);

10.7. Illi l-intimata kienet qalet lill-istess ufficcjal li kienet qed issuq fi Triq l-Iskola meta hasset daqqa fil-karozza taghha, (ara foll 43);

10.8. Illi x-xufiera Sciberras infurmat lill-istess ufficcjal li kienet tiela minn Triq l-Iskola meta harget l-intimata minn Triq tal-Qroqq u baqghet diehla fiha, (ara foll 43);

10.9. Illi ghalkemm meta sebah il-jum l-ufficcjal *de quo* seta` jara xi marki tat-*tyres*, pero` ma setghax ikun cert fir-rigward, (ara foll 43);

10.10. Illi meta jigu pparagunati l-iskizzi prodotti *in atti* a foll 10, 26 u 54,f'ta' l-ewwel ma jidhrux marki tat-*tyres* fuqu, izda fit-tnejn l-ohra jidhru;

10.11. Illi l-istess ufficcjal spjega din id-diskrepanza billi qal li f'xi fotokopji li fihom ghamel il-marki in kwistjoni setghu ma dehrux;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi s-sewwieqa tal-vettura bin-numru KLZ – 001 Simone Sciberras issostni sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi kienet qed issuq fi Triq l-Iskola b'velocita` ta' erbghin (40) kilometru fis-siegha, (ara foll 57);

11.2. Illi fit-triq *de quo* ma kienx hemm traffiku iehor, (ara foll 57);

11.3. Illi l-vetturi li kien hemm fl-istess triq kienu kollha pparkjati;

11.4. Illi hekk kif kienet miexja harget il-vettura misjuga mill-intimata minn fuq *stop sign* tan-naha tax-xellug, (ara foll 57);

11.5. Illi ghalkemm l-istess Sciberras ipprovat timmanuvra l-vettura biex tevita l-incident, ma irnexxiliex, (ara foll 58);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-intimata sintetikament issosstni s-segwenti:

12.1. Illi l-incident sehh fi Triq l-Iskola, l-Imsida;

12.2. Illi hi kienet tiela t-telgha u f'daqqa wahda hasset daqqa b'sahhitha fuq il-bieba u r-rota tan-naha tax-xufier, (ara foll 146);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-responsabbilita` ghall-akkadut jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-konducenti involuti kienu qed isuqu l-vetturi taghhom f'toroq differenti;

13.2. Illi Sciberras kienet qed issuq fi Triq l-Iskola, l-Imsida, li hi triq dritta u fil-witgha, (ara foll 10, 26 u 54);

13.3. Illi l-intimata Scicluna kienet qeghda ssuq fi triq tal-Qroqq li hi triq laterali u sekondarja ghat-telgha, munita wkoll bi *"sleeping policeman"* u bi *"stop sign"*;

13.4. Illi jirrizulta evidenti li mill-assjem tal-provi prodotti l-intimata ma waqfitx kif dovuta qabel ma azzardat tidhol minn Triq il-Qroqq ghal Triq l-Iskola, li hi triq principali u evidentement, lanqas is-*"sleeping policeman"* ma kien ta' deterrent ghaliha biex jinducieha l-ewwel tnaqqas il-velocita` u wara, tieqaf kompletament kif dovuta minhabba l-"i*stop sign" de quo*;

Ikkunsidrat:

14. Illi in vista ta' l-istess ir-responsabbilita` ghall-incident in dizamina hi kompletement fuq l-intimata Scicluna li bil-fatt li ma waqfitx kif dovuta agixxiet b'mod imprudenti, b'negligenza u b'nuqqas ta' hsieb;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti sid il-vettura *de quo* involuta fl-incident in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi skont ir-rapport redatt mis-*surveyor* involut, il-vettura proprjeta` tar-rikorrenti kienet ddikjarata *"beyond economical repair"*, (ara foll 87 u 100);

15.2. Illi meta l-istess *surveyor* ezamina l-istess vettura rrizultalu s-segwenti:

15.2.1. Illi kellha hsarat estensivi, (ara foll 100);

15.2.2. Illi wara li effettwa l-ezamijiet minnu indikati fix-xhieda guramentata tieghu irrizultalu li biex jissosstitwixxi l-partijiet involuti ma kienx ekonomikament vijabbli, (ara foll 101);

15.2.3. Illi l-istess *surveyor* jistma l-vettura *de quo* fl-ammont ta' disat elef u hames mitt Ewro, (€9,500.00);

15.2.4. Illi l-valur tal-vettura bhala *scrap* gie stmat vicin l-elfejn Ewro, (€2,000.00), (ara foll 101);

15.2.5. Illi l-inkarigu li l-istess *surveyor* inghata biex jeffettwa l-istess ezaminijiet kien moghti lilu mis-socjeta` intervenuta;

15.2.6. Illi fir-rigward, din il-qorti m'ghandha xejn x'ticcensura fl-operat riskontrat tas-*surveyor* u konsegwentement taghmel taghha l-konkluzjonijiet fuq indikati ta' l-istess;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova il-kaz tieghu skont il-ligi u:

16.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta' l-intimata u tas-socjeta` intervenuta fil-kawza;

16.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

u konsegwentement:

**DECIDE:**

16.2.1. Tiddikjara li l-intimata Nadine Scicluna hi unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq deskritt u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti Carmel Sciberras;

16.2.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti fl-ammont komplessiv ta' tnax -il elf, mija seba` u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€12,197.86);

16.2.3. Tikkundanna lill-intimata fuq riferita, biex thallas lir-rikorrenti fuq ukoll indikata l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

16.2.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet legali mill-15 t'April, 2010, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-imsemmija intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**